**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Marzu, 2025**

**Talba Nru: 287/2023MD**

**GO p.l.c (C22334)**

**Vs**

**Dr. Martha Mifsud bħala Kuratur Deputat sabiex tirrapreżenta l-interessi ta' Thierry Planchon[1]**

## It-Tribunal,

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fil-14 ta' Awissu, 2023[2] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li l-konvenut iħallas is-somma ta' elfejn, mitejn, u tmienja u tletin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżimu (€2,238.51) rappreżentanti servizzi miġbura fil-kont bin-numru 41155505 fuq talba u a benefiċċju tal-konvenut; bl-ispejjeż, u l-imgħax legali.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm Dr. Martha Mifsud bħala Kuratur Deputat sabiex tirrapreżenta l-interessi tal-konvenut Thierry Planchon ġiet debitament notifikata bl-Avviż fis-6 ta' Novembru, 2024[3], ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-Liġi u lanqas ma dehret għas-seduta tal-25 ta' Frar, 2025[4].

---

[1] Digriet datat 11 ta' Ottubru, 2024, a fol 28 et seq tal-proċess
[2] A fol 1 et seq tal-proċess
[3] A fol 64 tal-proċess
[4] A fol 66 tal-proċess

Sema x-xhieda ta’ Maryanne Camilleri[5] fil-kariga tagħha ta’ *credit control officer* fi ħdan is-soċjeta’ attriċi fejn iddikjarat li għad hemm bilanċ pendenti ta’ elfejn, mitejn tmienja u tletin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżimu (€2,238.51) bil-kont numru 411555505 li għadu ma tħallasx mill-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ha konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Jirriżulta li l-konvenut kien iffirma kuntratt flimkien mat-termini u kundizzjonijiet, mas-soċjeta’ attriċi datat 3 ta’ Ġunju, 2022[6] permezz ta’ liema applika għas-servizz mas-soċjeta’ attriċi. Mill-fattura datata 2 ta’ Frar, 2023[7] jirriżulta li l-bilanċ dovut mil-konvenut appartenenti il-kont numru 41155505 huwa fl-ammont ta’ elfejn, mitejn tmienja u tletin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżimu (€2,238.51). Ulterjorment mix-xhieda ta’ Maryanne Camilleri jirriżulta li tali ammont għadu dovut mill-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta’ u jiddeċiedi dan il-każ billi li jilqa’ t-talbiet attriċi, jordna lil konvenut sabiex iħallas is-somma ta’ elfejn, mitejn, tmienja u tletin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżimu (€2,238.51), bl-imgħax dekorribbli mit-18 ta’ April, 2023[8] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża u tal-ittra uffiċjali[9] jitħallsu unikament mil-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[5] A fol 67 et seq tal-proċess, xhieda datata 25 ta’ Frar, 2025

[6] A fol 3 et seq tal-proċess

[7] A fol 2 tal-proċess

[8] Data tal-ittra uffiċjali annessa mat-talba, a fol 10 et seq tal-proċess

[9] A fol 10 et seq tal-proċess